Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 37/15

**Lawrence Baldacchino (appellat)**

**vs**

**Stephanie Mifsud (appellanti)**

21 ta' Frar 2017

1. **Il-każ jitratta dwar inċident tat-traffiku li seħħ fl-4 ta' April 2014 fi Triq Reġjonali, Santa Venera, allegatament bejn il-vettura DBA-531 misjuqa minn Lawrence Baldacchino u l-vettura STF-290 misjuqa minn Stephanie Mifsud.**

2. F'avviż ippreżentat fiċ-Centru Malti tal-Arbitraġġ, Lawrence Baldacchino sostna li l-inċident tat-traffiku seħħ unikament tort ta' Stephanie Mifsud u għalhekk kellha tiġi kkundannata tħallas l-ammont ta' €1,721.98.

3. Fit-tweġiba qalet li kienet qegħda tikkontesta r-responsabilita` għall-inċident. Ikkontestat ukoll il-kwantum tad-danni reklamati.

4. Fid-deċiżjoni li ingħatat fid-9 ta' Diċembru 2015, l-Arbitru Dr Philip Manduca ikkonkluda illi għall-inċident in kwistjoni kienet taħti unikament Stephanie Mifsud. Dwar l-ammont mitlub huwa rrefera għall-*insurance survey report* u qal li minn tali rapport jirriżulta li l-ammont mitlub kien wieħed raġjonevoli. Għalhekk ikkonkluda li Stephanie Mifsud kellha tħallas lil Lawrence Baldacchino is-somma ta' €1721.98, kif mitluba minnu, bl-imgħax mid-data tan-notifika tal-avviż. Bl-ispejjeż kontra l-istess Mifsud.

5. Fid-29 ta' Diċembru 2015 Stephanie Mifsud ippreżentat rikors tal-appell.

6. **<u>L-aggravji tal-appellanti Stephanie Mifsud huma bażikament is-segwenti:</u>**

- Fir-rigward tal-osservazzjoni tal-Arbitru li d-depożizzjonijiet ta' Baldacchino u tal-mara tiegħu kienet konsistenti mar-rapport imħejji mill-*warden* filwaqt li d-depożizzjoni tagħha ma kinitx, hija tikkummenta li fir-rapport tal-*warden* ma hemm l-ebda riferenza għall-fatt li Baldacchino kellu passiġġiera miegħu u għalhekk ma kienx hemm il-verżjoni tal-mara tiegħu fuq ir-rapport, u konsegwentement ma kellux ma x'hiex iqabbel fil-konfront ta' tali xhud;

- Dwar il-fatt li l-verżjoni tagħha (li l-vettura ta' Baldacchino qasmet il-karreġġjata għal quddiemha) ma tissemmiex fir-rapport tal-*warden*, hija tilmenta li l-verżjoni tal-fatti li tniżżlet fir-rapport tal-*warden* hija sintetika ħafna u li huwa possibbli li għalkemm kienet semmiet dan il-fatt, baqa' ma tniżżilx. Issostni li dak li tnizzel mill-*warden* ma jirriflettix neċessarjament dak dikjarat mis-sewwieqa nvoluti fl-inċident in kwistjoni u għalhekk wieħed m'għandhux jistrieh unikament fuqu;

- Tilmenta li l-Arbitru skarta għal kollox ir-<u>ritratti</u> li juru l-pożizzjoni tal-vetturi wara l-inċident. Issostni li l-pożizzjoni tal-vettura ta' Baldacchino turi li kien għadu ma daħalx għal kollox fil-karreġġjata tal-lemin, fatt li jikkorrobora l-verżjoni tagħha li huwa kien bidel il-karreġġjata mix-xellug għal-lemin;

- Tilmenta wkoll li l-Arbitru skarta wkoll l-<u>estensjoni tal-ħsara</u> li ġarrbu l-vetturi u cioe` il-fatt li l-"*ħsara prinċipali*" li ġarrbet il-vettura misjuqa minn Baldacchino kienet fuq il-parti ta' quddiem (fl-impatt li seħħ ma' terz), u mhux fuq wara fejn hija (skont l-appellat) laqtitu. Tgħid li fuq in-naħa ta' wara tal-vettura misjuqa mill-appellat il-ħsara "*hija minima, tant li hija negliġibbli*". Fir-rigward tal-vettura misjuqa minnha taċċenna għall-fatt li l-ħsara li ġarrbet kienet ukoll negliġibbli u għalhekk targumenta li hija aktar kompatibbli mal-verżjoni tagħha (li hija ħabtet mal-*base* tal-*billboard* biex tevita l-vettura tal-appellat meta huwa qasmilha fil-karreġġjata tagħha).

Tgħid li dan juri li impatt bejn iż-żewġ vetturi ma kienx hemm, "*jew jekk kien hemm dan kien minimu*", iżda żgur ma kienx hemm impatt suffiċjentement qawwi biex hija tefgħet lil Baldacchino fuq il-vettura ta' quddiemu, għaliex altrimenti l-estensjoni tal-ħsara fil-vettura tagħha u dik fil-parti ta' wara tal-vettura ta' Baldacchino kienet tkun ferm ikbar. Fil-fatt tgħid li "…*huwa ferm probabbli li kien ir-rikorrenti appellat illi ħabat hu waħdu f' din il-vettura (EBT-749) li kienet wieqfa quddiemu.*"

7. L-appellat Lawrence Baldacchino fit-13 ta' Jannar 2016 wieġeb biex jgħid għaliex dan l-appell għandu jiġi miċħud.

8. **<u>Provi:</u>**

    (i) Ir-<u>rapport tal-*warden*</u> fih il-verżjonijiet tal-erba' sewwieqa (inkluż iż-żewġ partijiet f' din il-kawża) li kienu involuti fl-inċident tat-traffiku in kwistjoni. Skont tali rapport:

    - l-appellanti <u>Stephanie Mifsud</u> qalet: "*Kont għaddejja, ta' quddiemi kienu fit-traffic u lqatt lil ta' quddiemi*";

    - l-appellat <u>Lawrence Baldacchino</u> qal: "*Ħadt daqqa minn wara STE-290 u tefgħetni fuq ta' quddiemi*";

    - <u>Daniel Albert</u>, is-sewwieq tal-vettura EBT-749, li hija l-vettura li fiha daħal l-appellat Baldacchino, qal: "*In front of the tunnel I was driven into by the car behind me which made me bump into the car in front of me, there was absolutely no time to react the brake.*"; u

    - <u>Christopher Grech</u>, is-sewwieq tal-vettura HBI-696, li hija l-vettura li fiha daħal Daniel Albert, qal: "*Kont fit-traffic u ta' wara daħal fuqi EBT-749*"

(ii) L-istess rapport jindika l-ħsarat li ġarrbu l-erba' vetturi in kwistjoni (inkluż il-vetturi misjuqa mill-partijiet f' din il-kawża). Skont tali rapport:

- il-vettura ta' Stephanie Mifsud ġarrbet ħsarat fuq il-*"front left headlight, front bumper*";

- il-vettura misjuqa mill-appellat Baldacchino ġarrbet ħsarat fuq il-"*front grille, front bumper u front bonnet, front right headlamp, rear bumper, panel*";

- il-vettura misjuqa minn Daniel Albert ġarrbet ħsarat fuq il-"*front bumper, front bonnet, front left headlight, rear bumper";* u

- il-vettura misjuqa minn Christopher Grech ma ġarrbet l-ebda ħsarat;

(iii) Il-*warden* 342 Tancred Cesareo xehed li kien hu li ħa l-i*statements* tas-sewwieqa. Huwa eskluda li kien hemm xi diskors li huwa ma niżżilx fir-rapport u kkonferma speċifikatament l-i*statement* tal-appellanti;

(iv) L-appellanti Stephanie Mifsud fix-xiehda tagħha quddiem l-Arbitru qalet li dak in-nhar tal-inċident: "*Kif eżatt wasalt biex nidħol taħt il-mina, is-sur Baldacchino qasamli fuq il-lane tiegħi u jiena biex nevitah dħalt fil-fetħa taħt il-mina. Dak il-ħin bqajt dieħla fis-siment tal-billboard.*" Sostniet li "*ma kienx hemm kuntatt bejn il-vettura ta' Baldacchino u l-vettura tiegħi.*" Ċaħdet li lill-*warden* kienet qaltlu l-kliem li huwa niżżel fuq ir-rapport (u cioe` li kienet laqtet il-vettura misjuqa minn Baldacchino). Anżi qalet li lill-*warden* ma qaltlux kif ġara l-inċident;

(v) L-appellat Lawrence Baldacchino fix-xiehda tiegħu quddiem l-Arbitru qal li dak in-nhar tal-inċident kien ġej minn Regional Road u kien qed isuq fuq in-naħa ta' barra fuq il-lemin sejjer lejn Santa Venera. "*X'ħin wasalt biex nidħol taħt il-mina ħassejt daqqa fuq wara, tefgħatni fuq ta' quddiemi u hi ħarġet mil-lane u marret fejn hemm l-advertisement*

*stand, fejn is-central strip."* Kontro-eżaminat huwa sostna li mhux minnu li qaleb il-karreġġjata kif qalet l-appellanti Mifsud fix-xiehda tagħha;

(vi) Mart l-appellat, Mary Baldacchino, fix-xiehda tagħha quddiem l-Arbitru qalet li kienet *front seat passenger* dak in-nhar tal-inċident. Qalet li żewġha kien qed isuq fuq in-naħa tal-lemin tat-triq u li kienu mexjin "*bil-mod il-mod*". Ikkonfermat il-verżjoni ta' żewġha li kif kienu se jidħlu taħt il-mina "*ħassejna daqqa fuq wara u mad-daqqa morna fuq il-karozza ta' quddiem*." Spjegat li wara l-ħabta hija marret tkellem lill-appellanti Mifsud li kienet fejn il-billboard. Qalet li din qaltilha "*Ma nafx x' ġarali u bqajt dieħla fikom*." Kontro-eżaminata ċaħdet li żewġha kien biddel il-karreġġjata;

(vii) Ġew esebiti sitt ritratti li ttieħdu wara li seħħ l-inċident: (Photo No 1 sa Photo No 6);

(viii) Ġie esebit is-*survey report* tas-soċjeta` assikuratriċi tal-appellanti Mifsud minn fejn jidher fid-dettall fiex kienu jikkonsistu l-ħsarat li ġarrab l-appellat fuq il-vettura tiegħu.

9. **Konsiderazzjoni tal-qorti:**

Din il-qorti, wara li eżaminat il-provi kollha prodotti, wara li rat id-deċiżjoni appellata u wara li qieset l-aggravji tal-appellanti u r-risposta relattiva tal-appellat, tosserva:

(i) Il-verżjoni li ta l-appellat Baldacchino meta xehed quddiem l-Arbitru hi konformi mal-i*statement* li għamel a tempo vergine lill-*warden* li nvestiga l-inċident, u cioe` li hekk kif kien dieħel fil-mina daħlet fih l-appellanti Mifsud bil-vettura tagħha;

(ii) Għalkemm il-mara tiegħu Mary Baldacchino (li kienet passiġġiera) ma għamlet l-ebda *statement* dak in-nhar tal-inċident, id-deposizzjoni li tat tikkorabora l-verżjoni ta' żewġha;

(iii) Għalkemm l-appellanti fix-xiehda tagħha qalet li l-i*statement* tagħha kif rapportat mill-*warden* fir-rapport tiegħu ("*kont għaddejja, ta' quddiemi kienu fit-traffic u lqatt lil ta' quddiemi* ") mhux minnu, l-istess *warden* Tancred Cesareo xehed, "*Jiena għamilt RAR u ħadt statements. Nikkonferma l-istatement ta' Stephanie Mifsud. Ma kienx hemm diskors li ma nizziltx*";

(iv) Il-verżjoni tal-appellanti li ma spjegatx lill-*warden* kif ġara l-inċident, m'hijiex verosimili. Veru li qalet li kienet taħt *shock*. Pero' dan ma jidhirx milli żammha milli tiġbed ir-ritratti tal-vettura tagħha u tal-appellat[1]. L-appellanti stess xehedet li l-warden kien staqsiha x'kien ġara. Il-qorti ssibha diffiċli temmen li l-appellata ma rrakontatx x'ġara lill-warden, u sempliċement, "*Jiena għidtlu li xita kienet*". Dan ma kienx inċident serju u fuq bażi ta' probabilta' l-appellata ntalbet tagħti l-verżjoni tagħha u tatha. Iktar minn hekk, ġie ppreżentat dokument fejn hemm id-dikjarazzjoni tax-xufiera dwar kif ġara l-inċident u l-ħsara li ġarrbu fil-vetturi tagħhom. Ma' gemb id-dikjarazzjoni tal-appellanti, hemm il-firma tagħha. Fl-ebda stadju ma kkontestat li l-firma hi tagħħa. L-istess firma tidher ftit iktar l-isfel fejn hemm deskrizzjoni tal-ħsara li Mifsud ġarrbet fil-vettura tagħha. Mela żgur ma treġix il-verżjoni tal-appellanti li, "*M'għidtlux kif ġara l-inċident*".

(v) L-appellanti mhux biss ma kinitx konsistenti fil-verżjoni li tat lill-*warden* (fejn qaltlu li baqgħet dieħla fil-vettura misjuqa mill-appellat) u lill-Arbitru (fejn imbagħad sostniet kategorikament li ma kien hemm l-ebda mpatt bejn il-vetturi tal-kontendenti), iżda anke mir-rikors tal-appell jidher li hi stess m'hijiex mija fil-mija konvinta mill-verżjoni li tat

[1] "*Jiena ħadt ir-ritratti eżibiti Dok. SM1, SM2 u SM3*".

quddiem l-Arbitru. Dan qed jingħad għaliex qalet, "*impatt bejn il-vetturi ma kienx hemm,* ***<u>jew jekk kien hemm, dan kien minimu</u>***".

(vi) Fir-rigward tar-<u>ritratti eżibiti</u>, għalkemm huwa minnu li *prima facie* il-vettura misjuqa mill-appellat ma tidhirx kompletament fil-karreġġjata tal-lemin, ma tistax din il-qorti ma tosservax li r-ritratti huma kollha meħudin min-naħa tal-lemin (fil-fatt m'hemm l-ebda ritratt meħud miċ-ċentru jew min-naħa tax-xellug tat-triq) u għalhekk ma jistax jiġi kkonstatat b'ċertezza li l-vettura misjuqa mill-appellant ma kinitx interament fil-karreġġjata tal-lemin meta seħħ l-inċident;

(vii) Fir-rigward tal-argument li tagħmel l-appellanti Mifsud fir-rikors tal-appell tagħha dwar il-<u>ħsarat</u> li ġarrbu l-vetturi tal-partijiet, għalkemm hu minnu li l-vettura tal-appellat Baldacchino ġarrbet ħsara sostanzjali fuq quddiem, ma jidhirx li l-vettura tal-appellat ġarrbet ħsarat kbar fuq il-parti ta' wara. Pero' rriżulta li kien hemm ħsara fir-"*rear bumper*", ir-"*rear bumper support*" u r-"*rear bumper clips*", li kellhom jinbidlu. Kien hemm ukoll r-"*rear panel*" li kellu jissewwa. Dan ifisser li l-vettura qalgħat daqqa minn wara. M'hemm l-ebda prova li dik il-ħsara fil-vettura tal-appellat, kienet saret qabel l-inċident meritu tal-kawża.

(viii) Inoltre għalkemm l-appellanti Mifsud tgħid li l-vettura tagħha ukoll ġarrbet ħsarat "*negliġibbli*", ir-rapport tal-*warden* jindika li kellha ħsarat fuq il-"*front left headlight"* u "*front bumper*". Din il-qorti tosserva wkoll li mir-ritratt numru 3, il-*bonnet* ta' quddiem tal-vettura tar-rikorrenti jidher xi ftit spustjat tant li jidher spazju wiesgħa bejn il-*bonnet* u l-*mudguard* ta' quddiem fuq in-naħa tal-passiġġier. Għaldaqstant il-ħsarat tagħha ma kinux eżattament "*negliġibbli*" u meta wieħed jipparaguna l-ħsara fuq in-naħa ta' wara tal-vettura tal-appellat Baldacchino mal-ħsara fuq quddiem tal-vettura tal-appellanti, il-qorti tqis li huma kompatibbli mal-verżjoni tal-appellat. Ghaldaqstant, il-qorti ma taqbilx mal-appellanti li mill-ħsara, "*.... Għandu jirriżulta bħala aktar attendibbli dak dikjarat mill-esponenti appellanti, u ċioe' illi impatt bejn*

*iż-żewġ vetturi ma kienx hemm…..”*. L-argument tal-appellata li l-vettura tagħha hi *'żgħira u flimsy'* , ma jikkonvinċix xejn lill-qorti. L-Arbitru kellu biżżejjed provi quddiemu sabiex jikkonkludi li l-vettura misjuqa mill-appellanti daħlet fuq wara tal-vettura misjuqa mill-appellat, li min-naħa tagħha baqgħet dieħla fil-vettura ta' quddiemha.

(ix) Ikkunsidrat dan kollu, din il-qorti ssib li l-aggravji tal-intimata appellanti huma infondati, u tinsab konvinta illi għall-inċident in kwistjoni taħti unikament hi.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell u tikkonferma d-deċiżjoni tal-Arbitru. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-istess intimata appellanti.**

Anthony Ellul.